MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 706/2014

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghhom "Nectar Limited"**

**vs**

**Kunsill Lokali Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 15 t' Ottubru, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici qed teccepixxi:

Hsarat li gew ikkaggunati meta l-'Bollards' ta' Bisazza Street, soffrew *malfunction* u ghamlu hsara fil-vettura BCB 012 ta' ghamla Isuzu N75 ghall-ammont ta' seba' mija tnax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€712.49c) u li ghalihom kienu unikament responsabbli l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-Kunsill intimat li minn issa huwa ngunt in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill intimat esebita seduta stante waqt is-seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2014 u mhallsa nhar it-02 ta' Lulju, 2015 fejn eccepixxa li:

Il-Kunsill intimat jirrespingi t-talba ghall-hlas ghad-danni u dan stante l-incident li ta lok ghall-hsarat in kwistjoni sar unikament tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numri tal-pjanca BCB 012 illi saq b'mod traskurat u negligenti.

Ra l-avviz.

Ra r-risposta.

Sema' x-xhieda kollha

Ra l-atti kollha;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tallum nhar it-13 tas' Lulju, 2015.

.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal ghandu jaghti decizjoni dwar talba ghall-hsarat li saru fuq vettura BCB 012 trakk ta' ghamla Isuzu fi Triq Bisazza, Sliema minhabba li allegatament gie milqut minn *bollard*.

Xehed Alan Micallef u qal illi fid-9 ta' Mejju, kien qed isuq il-vettura BCB 012 fi Triq Bisazza, tas-Sliema. Kien qed jaghmel *deliveries* tal-gelat. It-Triq Bisazza kienet maghluqa ghat-traffiku permezz ta' *bollards* . Meta dahal il-*bollards* kienu mnizzlin pero' meta dahal wiehed minn dawn il-*bollards*

telghet u baqa' diehel gewwa fih. In-nies tal-hwienet qalulu li din ma kienetx l-ewwel darba. Qal li dahal meta t-tnejn ( z-zewg *bollards*) kienu mnizzlin. Telghet wahda biss.

Illi mix-xhieda ta' **Andre Xuereb** li huwa technician impjegat mas-Socjeta` Alberta Fire and Security Limited. Hu kkonferma li l-*bollards* li hemm fi Triq Bisazza, f'Tas Sliema kienu gew installati minn Alberta Fire and Security Limited. Illi huwa jahdem bhala technician li jiehu hsieb *faults* f'dawn is-sistemi. Qal li f'dan il-kaz hemm zewg *bollards* li jahdmu bis-sistema kompjuterizzata. Illi l-*bollards* jahdmu bil-hin cioe` li f'certu hinijiet dawn jitnizzlu u jergghu jitilghu. Illi dawn ukoll jistghu jitnizzlu permezz ta' *security code* li jkun f'idejn nies awtorizzati bhar-residenti. Illi ukoll hemm tlett *loops* ossia *magnetic field* ghalhekk jintercettaw jekk vettura tersaq lejn *bollard,* jekk tkun fuq *bollard* jew jekk titlaq minn hdejn bollard. Jekk vettura tkun fuq il-*bollard* minhabba l-*magnetic field* din ma titlax. Illi l-*bollards* jahdmu fimkien cioe` ma humiex indipendenti minn xulxin. It-tnejn jitilghu u jinzlu flimkien. Mistoqsi jekk bollard wahda tistghax titla wahedha – huwa qal li dan ma jistax jkun. Indika li jekk dan jigri ikun jidher illi hemm *malfunction*. Ix-xhud qal li l-*bollard* idumu madwar hmistax-il sekonda (15) biex jitilghu jew jinzlu. Meta gie muri r-ritratti indika illi ghalih is-sitwazzjoni kienet ovvja u cioe li l-*bollards* kienu nezlin u l-vettura in kwistjoni habtet mall-*bollard* u ghalhekk wahda baqghet nizla u l-ohra wehlet. Infatti il-*bollard* tidher li kienet "*at full length*" u ghalhekk jekk kien hemm *malfunction* il-van kien bilfors jintlaqat minn taht u mhux minn quddiem.

It-Tribunal f'din il-kawza jrid jikkunsidra l-provi li gew prezentati lilu a bazi tal-principju "*ei incumbit probatio qui dicit non e qui negat*". Ghalhekk jinkombi fuq is-Socjeta' attrici li ggib prova ta' dak li qeghda tallega fl-avviz taghha. Illi f'din il-kawza l-provi huma bbazati fuq is-sewwieq li kien l-uniku xhud *a tempo vergine* u r-ritratti. Ix-xhieda l-ohrajn kienu rapprezentanti ta' Nectar Limited li kkonfermaw dak li qal is-sewwieq Alan Micallef, Pulizija li ghamel ir-rapport wara li sehh l-incident u George Stagno Navarro li ghamel is-*survey* tal-hsarat. Il-Kunsill Lokali tella lir-rapprezentant tas-Socjeta` li nstallat u bieghet il-*bollards* lilha.

Hemm zewg tezijiet fuq dak li setgha gara: fuq naha il-verzjoni tas-sewwieq tal-vettura li qal kien qed isuq u kien hemm *malfunction* fis-sistema, ghalhekk telghet *bollard* wahda qabel ma setgha jinduna biha u habat gewwa fiha. Min-naha l-ohra bniedem tekniku li jahdem fuq *fault finding* tal-*bollards* li wasal ghall-konkluzjoni illi l-*bollards* kienu nezlin u s-sewwieq ma rahhomx u habat gewwa wahda minnhom kif gie allegat mill-Kunsill konvenut u ghalhekk ma nizlitx il-*bollard* li ntlaqtet.

Dawn huma l-argumenti li uzaw il-partijiet: min-naha s-Socjeta’ attrici argumentat li kien hemm *malfunction* u ghalhekk il-hsara saret ghaliex kien hemm dan il-*malfunction* kif evidenzat mill-fatt illi fir-ritratti hemm *bollard* wieqfa u l-ohra mnizzla. Filwaqt li l-Kunsill konvenut jghid illi ma kien hemm l-ebda *malfunction.* Is-sewwieq kien negligenti u ma stenniex li l-*bollard* jinzel jew ma rax il-*bollard* u dahal gewwa fih.

Illi fil-fehma tat-Tribunal fl-ewwel cirkostanza jekk dan kien il-kaz peress illi skont ix-xhud (Andre Xuereb) dawn idumu hmistax-il sekonda (15) biex jitilghu infatti l-*bollard* tidher li kienet “*at full length*” u ghalhekk jekk kien hemm *malfunction* il-van kien bilfors jintlaqat minn taht u mhux minn quddiem. Ihoss illi t-tezi l-aktar kredibbli huwa li s-sewwieq kien negligenti u dahal fil-*bollard* waqt li kien niezel. Tant illi bil-habta waqfet ghaliex ma setghatx tinzel filwaqt li t-tieni *bollard* kompliet tinzel.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi thoss illi ghandha tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------